MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2007

Citazzjoni Numru. 254/2005

**Mamma Mia Company Limited (C32995), Stephen Bonavia (Karta ta' l-identita' Nru. 261471(M), Angelo Pullicino (Karta ta' l-identita' Nru. 95667(M), Sunbirds Company Limited (C4887) u Noel Agius (Karta ta' l-identita' Nru. 165970(M)**

**vs**

**Alexander (Karta ta' Identita' Nru. 1062245(M) u Josephine (Karta ta' Identita' Nru. 58744(M) konjugi Grech, A & A Properties Limited (C7576), Paul (Karta ta' Identita' Nru. 414619(M) u Vincenza (Karta ta' Identita' Nru. 21822(M), konjugi Grech, Ocean Way Co. Limited (C11580), George (Karta ta' Identita' Nru. 21443(G), u Lydia (Karta ta' Identita' Nru. 126045(M) konjugi Zammit, Alfred (Karta ta' Identita' Nru. 647939(M) u Rosanne (Karta ta' Identita' Nru. 656243(M) konjugi Fenech, Alfred (Karta ta' Identita' Nru. 435741(M) u Rosette (Karta ta' Identita' Nru.**

**520449(M) konjugi Debattista, Clare Grech (Karta ta' Identita' Nru. 404979(M) u Ludwig Limited (C10880)**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-atturi ppremettew illi:

Peress illi l-konvenuti talbu w ottjenew l-ispedizzjoni ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-atturi, kopja ta' liema mandat ta' inibizzjoni tinsab hawn annessa u mmarkata Dokument 'A'.

Peress illi permezz ta' rikors numru 657/04TM ipprezentat mill-atturi huma talbu lill-Qorti ghar-ragunijiet premessi fl-istess rikors li joghgobha (1) ghat-tenur ta' dak provdut f'sub-paragrafu (b) u (f) ta' subartikolu (1) tal-Artikolu 836 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili – Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta tirrevoka l-mandat ta' inibizzjoni numru: 1554/04 fl-ismijiet: *'Alexander u Josephine Grech et versus Mamma Mia Company Limited'* prezentat u mahrug fis-27 ta' Awissu, 2004 fuq imsemmi u dan taht il-kundizzjonijiet li l-istess Qorti tqis xierqa u (2) fil-konfront tar-rikorrenti kollha tikkundannhom ihallsu solidalment bejniethom penali ta' mhux anqas minn hames mitt lira Maltin (Lm500) u mhux izjed minn tlett elef lira Maltin (Lm3,000) skond id-dispozizzjonijiet ta' sub-paragrafi (b) u (d) ta' sub-artikolu 8 tal-Artikolu 836 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili – Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan kollu b'riserva ghal kull azzjoni ta' danni spettanti lis-socjeta' esponenti ghat-tenur tas-sub-artikolu 9 tal-Artikolu 836 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili – Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Kopja ta' dan ir-rikors jinsab hawn anness u mmarkat Dokument 'B'.

Peress illi permezz ta’ digriet datat 5 ta’ Ottubru, 2004, il-Qorti cahdet it-talbiet kollha tal-atturi u kontenuti fir-rikors ghar-revoka tal-Mandat ta’ Inibizzjoni (Rikors Numru 657/04TM) (Dokument B) bl-ispejjez kontra taghhom in solidum bejniethom. Kopja ta’ dan id-digriet jinsab hawn anness u mmarkat Dokument ‘C’.

Peress li l-imsemmi digriet tal-5 ta’ Ottubru, 2004 huwa irritu u null billi nghata b’okkju skorrett ghad illi kontra l-Mamma Mia Restaurant ma nhareg ebda Mandat ta’ Inibizzjoni u ma kinitx parti fir-rikors ghar-revoka ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni li dwaru nghata d-digriet li r-revoka tieghu *contrario imperio* qieghda tintalab permezz ta’ din ic-citazzjoni; inoltre Mamma Mia Restaurant ma hijiex persuna jew entita’ guridika.

Peress barra din il-pregudizzjali ta’ natura formali u minghajr pregudizzju ghaliha ghandu jirrizulta li l-Qorti fl-ghoti tal-imsemmi digriet tal-5 ta’ Ottubru, 2004 (Dokument C) injorat kompletament u ma tatx il-piz misthoqq lil numru ta’ punti li tressqu fir-rikors ghar-revoka tal-mandat u li kienu jirrigwardaw in-nuqqas ta’ *locus standi* ta’ diversi mill-partijiet effettwati bil-mandat ta’ inibizzjoni anke jekk pruvati b’dokmentazzjoni esebita u wara hasset il-htiega li twahhal l-ispejjez fuq dawn l-istess partijiet.

Peress ukoll li l-Qorti fid-digriet taghha tal-5 ta’ Ottubru, 2004 tistqarr li qabel ma’ wiehed jibda jopera *restaurant* specjalment fl-abitat dan ghandu jiehu hsieb li l-ewwel ikollu l-permessi mehtiega kemm mill-Pulizija u kemm mill-awtoritajiet kompetenti ohra fosthom id-Dipartiment tas-Sahha u l-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar izda huwa car u ovvju li l-Qorti minghajr ebda gustifikazzjoni kemm fattwali – kopja tal-permessi jew evidenza taghhom giet esebita mar-rikors – u wisq aktar legali njorat il-fatt li s-sidien u l-inkwilini u operaturi tar-restaurant huma muniti bil-permessi kollha mehtiega sabiex joperaw il-fond *de quo* bhala *restaurant*.

Peress illi l-istess Qorti ppremettiet ukoll illi l-atturi kellhom jikkonformaw ruhhom civilment cioe’ billi jaraw li r-

*restaurant* ma johloqx inkonvenjent lill-girien meta gie rilevat fir-rikors ghar-revoka ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni li r-*restaurant* kien jikkonforma mar-regoli tal-Mandat ta’ Inibizzjoni li r-*restaurant* kien jikkonforma mar-regoli tal-buon vicinat izda l-abitanti tal-appartamenti sovrastanti u girien, li llum jixtiequ jaraw ir-*restaurant* maghluq – uhud minnhom addirittura ghal skopijiet xejn limpidi u cari – hadu l-ligi f’idejhom u ddustruggew ic-cmieni li kien hemm ghall-finijiet ta’ eliminazzjoni ta’ shanat, *fumes* u rwejjah barra li bi ksur tal-ligijiet tas-sahha u tal-ippjanar ghalqu *shafts* li taghhom is-sidien u operaturi tal-fond kummercjali ghandhom barra dritt ta’ pussess ukoll dritt ta’ propjeta’. Barra minn hekk, jigi rilevat illi ma kienx il-kaz, kif qieghda tippresupponi l-Qorti fid-digriet taghha – minghajr ebda sostenn fattwali u evidenzjatorju – li n-negozju nfetah u mbaghad is-sidien u/jew operaturi raw kif jikkonformaw ruhhom mal-ligi u regolamenti, waqt li n-negozju jkun ghaddej. Ghal kuntrarju l-attivita’ ta’ *catering* kienet diga’ ezistenti qabel ma’ l-appartamenti ta’ fuq gew addiritura rifiniti u nghataw ghall-abitazzjoni. B’hekk il-premessi kollha f’dan ir-rigward u ambitu u li fuqhom qieghda tibbaza id-decizjoni taghha l-Qorti fid-digriet taghha huma fattwalment skorretti.

Peress illi kien mill-bidu nett, li l-fond kummercjali *de quo* serva bhala *catering outlet* u kellu ukoll mill-bidu nett li c-cmieni kollha mehtiega sabiex ikun jista’ jopera minghajr ebda nkonvenjent gew installati. Dan kollu sar qabel ma hadd dahal jabita fl-appartamenti sovrastanti. B’hekk kull min beda jirrisjedi fl-istess appartamenti kien pjenament konsapevoli tac-cirkostanzi u sitwazzjoni li fihom kien diehel joqghod, u sab l-istess cmieni telghin mix-*shafts*, kif partijiet minnhom ghadhom jidhru sa llum. Izda l-imsemmija cmieni, llegalment, vjolentement, abbuzivament u klandestinament gew imkissrin u rezi nutili u mhux funzjonali mill-istess abitanti ta’ l-appartamenti sovrastanti r-restaurant. Dawn l-istess persuni li llum iridu jwaqqfu l-operat tar-*restaurant* ghax jallegaw, fost hwejjeg ohra, li r-*restaurant* m’ghandux ic-cmieni mehtiega. Dan il-fattur gie njorat mill-Qorti fl-ghoti tad-digriet taghha meta huwa fattur ta’ importanza kbira

sabiex jigi accertat li f'din il-kwistjoni tkun qieghda ssir il-gustizzja mehtiega.

Peress li kienet zbaljata ukoll il-Qorti meta fid-digriet taghha stqarret li qabel il-ftuh tar-*restaurant* ma ittiehduhx proceduri preventivi sabiex jigi evitat nkonvenjent lill-girien. Il-mizuri preventivi kienu hemm izda gew distrutti llegalment, abbuzivament, vjolentement u klandestinament. L-operatur tar-*restaurant* ipprova jerga' jwahhal cummnija aktar moderna u wahda sabiex jirrimpjazza t-tnejn li kienu jezistu sa mill-bidu nett li dan il-fond kummercjali gie uzat bhala *catering outlet* izda gie mwaqqaf mill-istess persuni li jridu akkost ta' kollox jaghlqulu ir-*restaurant*. Huwa assolutament il-boghod mill-fatti dak li tistqarr il-Qorti u cioe' li l-ligi nkissret l-ewwel mill-operatur tar-*restaurant*. Il-ligi ma giet miksura qatt mill-operatur tar-*restaurant* tant li dan dejjem opera bil-permessi mehtiega u dan kif gie pruvat. Jekk kien hemm xi ksur kien tal-abitanti tal-appartamenti sovrastanti u girien konvenuti f'din il-kawza, li hadu il-ligi f'idejhom u kissru u ddistruggew ic-cmieni li kien hemm, barra li ostakolaw lill-operatur u lis-sidien tal-fond kummercjali fil-godiment tad-drittijiet taghhom kif kuntrattwalment rikonoxxuti. Il-konvenuti girien ma jistghux juzaw il-pozizzjoni taghhom ta' girien u bl-iskuza tal-inkonvenjent jiksru l-ligi sabiex imbaghad isibu l-protezzjoni u l-komfort tal-Qorti sabiex jiggustifika dan il-ksur.

Peress li l-Qorti sahansitra wasslet tghid li ma rrizultax li l-abitanti tal-appartamenti u girien kissru s-sistema ta' ventilazzjoni li kien hemm meta l-istess Qorti kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan il-kaz irrifjutat li tisma xhieda hlief ghax-xhud imressaq mill-abitanti. Barra li din il-pozizzjoni fiha nfisha kienet tilledi d-dritt tal-atturi ghas-smigh xieraq tar-rikors taghhom timmanifesta atteggjament zbilancjat u pregudizzjali kontra l-istess atturi f'rikors ghar-revoka li sar wara li t-talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni ta' portata u effett mhux indifferenti, gie degretat minghajr ma l-atturi gew moghtija d-dritt li jwiegbu ghall-istess rikors ghat-talba ghall-hrug ta' l-imsemmi Mandat ta' Inibizzjoni.

Peress li fil-frattemp l-atturi ntavolaw kawza ta' spoll kontra l-girien u abitanti tal-appartamenti sovrastanti (Citaz. Nru. 711/2004NC) liema kawza tinsab ghaddejja, barra li ressqu rapporti quddiem l-awtoritajiet tal-pulizija dwar ksur tal-ligijiet kriminali konsegwenza ta' atti konfigurabbli bhala *ragion fattasi* u quddiem il-MEPA minhabba ksur ta' ligijiet ta' l-ambjent u l-ippjanar, liema rapporti qeghdin jigu issa nvestigati.

Peress illi l-Qorti sostniet ukoll fid-digriet taghha li l-allegazzjoni ta' dritt ta' servitu' mressqa mill-atturi fir-rikors taghhom ghar-revoka tal-Mandat ta' Inibizzjoni ma gietx pruvata sodisfacentement f'dawn il-proceduri u dan meta l-istess Qorti ma ppermettietx li jingiebu l-provi dettaljati dwar dan izda talbet sabiex tara l-kuntratti li b'kull rispett dovut jitkellmu car dwar dan.  Gew murija u esebiti lill-Qorti kuntratti li juru li l-proprjetarji tal-fond kummercjali minn fejn ir-*restaurant* jigi operat u gestit ghandhom sehem indiviz mix-*shafts* minn fejn kienu jghaddu c-cmieni.  Prova aktar sodisfacenti minn dik skritta wiehed ma jistax igib, izda cioe' nonostante ghall-Qorti din ma kinitx sodisfacenti.

Peress li fir-rigward tal-'*gas jars'* li r-*restaurant de quo* ghandu fil-bitha biex jopera r-*restaurant*, jigi rilevat illi l-Qorti fid-digriet taghha ddikjarat li l-approvazzjoni skritta tal-Korporazzjoni Enemalta u li giet esebita mar-rikors ghar-revoka kienet tirrigwarda biss il-funzjonament tajjeb tal-apparat.  Apparti li din l-approvazzjoni skritta ma tghidx hekk il-Qorti ma setghet qatt oggettivament tasal ghal tali konkluzjoni minghajr ma tisma' l-ufficjali tal-Korporazzjoni Enemalta li hargu w iffirmaw dawn ic-certifikati.  B'hekk id-deduzzjoni tal-Qorti kwantu tirrigwarda dan l-aspett tal-kwistjoni hija wahda nieqsa minn kull fondament fattwali jew legali.  Il-Korporazzjoni Enemalta hija f'tema ta' sikurezza tal-pozizzjonament tac-cilindri tal-gass l-awtorita' determinanti u ghalhekk l-opinjoni tal-Korporazzjoni Enemalta kif evidenzjata fl-approvazzjoni skritta hija insostitwibbli sakemm mhux affetta minn xi zball grossolan jew ta' xi forma ohra.  Il-Professur Joseph Agius imsemmi mill-Qorti li jista' jkollu oppinjoni differenti mill-ufficjali tal-Korporazzjoni Enemalta pero' certament

ma hijiex l-opinjoni ufficjali. L-istess Professur Joseph Aguis meta kkonfrontat b'dawn ic-certifikati stqarr *viva voce* quddiem l-istess Qorti li dak li kien qal hu kienet opinjoni soggettiva tieghu u ma setghetx tittiehed bhala 'bibja' (frazi uzata mill-istess xhud).

Peress illi fl-istess rigward, il-Qorti ghal darba ohra cahdet li taghti l-opportunita' lill-atturi li jgibu l-provi mehtiega dwar il-fatt li kienu terzi persuni, (fuq istigazzjoni jew struzzjonijiet ta' xi whud mill-promoturi tal-mandat ta' inibizzjoni u konvenuti f'din il-kawza) illi saqqfu il-parti tal-bitha li fiha hemm il-*gas jars* fuq imsemmija. Dan sar *ad insaputa* u kontra l-volonta' ta' l-atturi. Din ic-cahda ghall-produzzjoni in mertu meta kien proprju dan il-fatt – cioe' illi l-ambjent fejn kien hemm il-*gas jars* huwa msaqqaf – li wassal il-Professur Agius biex jasal ghall-konkluzjoni tieghu dwar l-allegat perikolu. B'hekk il-Qorti ma setghetx tiddelibera gustament bejn il-pretenzjonijiet taz-zewg partijiet.

Jghidu ghalhekk il-konvenuti jew min minnhom ghaliex ghar-ragunijiet premessi m'ghandiex dina l-Qorti:

(1) Fl-ewwel lok tordna l-allegazzjoni ta' l-atti kollha tal-Mandat ta' Inibizzjoni 1554/2004TM fl-ismijiet 'Alexander u Josephine Grech et versus Mamma Mia Company Limited' prezentat u mahrug fis-27 ta' Awissu, 2004 inkluz dawk riferibbli ghar-rikors ghar-revoka ta' l-istess Mandat ta' Inibizzjoni, rikors li jgib in-numru 657/04TM u li gie deciz permezz tad-digriet tal-5 ta' Ottubru, 2004; u

(2) Tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tal-5 ta' Ottubru, 2004 fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 1554/04 fl-ismijiet 'Alexander Grech, Josephine konjugi Grech, A&A Properties Limited, Paul u Vincenza konjugi Grech, Ocean Way Co. Limited, George u Lydia konjugi Zammit, Alfred u Rosanne konjugi Fenech, Alfred u Rosette konjugi Debattista, Clare Grech u Ludwig Limited vs Mamma Mia Restaurant' li permezz tieghu (cahdet it-talbiet kollha tal-atturi kontenuti fir-rikors ghar-revoka tal-Mandat ta' Inibizzjoni (Rikors. Numru 657/04TM) bl-ispejjez kontra taghhom in solidum bejniethom; u

(3) Konsegwentement prevja l-imsemmija revoka *contrario imperio* tad-digriet tal-5 ta' Ottubru, 2004 kif mitluba fit-talba precedenti, tordna li jinstemghu il-provi kollha li l-atturi riedu jressqu quddiem il-Qorti waqt is-smigh tar-rikors ghar-revoka tal-Mandat ta' Inibizzjoni (Rikors Numru 657/04TM) u tirrevoka *contrario imperio* l-istess mandat ta' inibizzjoni numru 1554/04 fl-ismijiet: 'Alexander u Josephine Grech et versus Mamma Mia Company Limited' prezentat fis-27 ta' Awissu, 2004.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li jinsabu minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi a fol. 3 tal-process.

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti** a fol. 66 tal-process fejn eccepew:

1. Illi din il-Qorti m'ghandiex tiehu konjizzjoni ta' din il-kawza qabel ma' l-atturi jaghtuha l-garanziji kollha necessarji illi sakemm tigi deciza din il-kawza huma se jobdu l-ordni taghha tas-27 ta' Awissu 2004 meta laqghet it-talba ta' l-eccipjenti ghall-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni li tieghu l-atturi qeghdin jitolbu r-revoka f'din il-kawza. S'issa l-atturi sfidaw lil din l-Onorabbli Qorti billi njoraw ghal kollox l-imsemmi mandat ta' inibizzjoni u ghalhekk huwa nkoncepibbli li l-atturi jirrikorru ghal rimedju quddiem din l-Onorabbli Qorti meta fuq l-istess haga qeghdin jiddisprezzawha bl-aktar mod sfaccat. Fil-fatt x'interess ghandhom l-atturi jistitwixxu dawn il-proceduri meta fil-fatt qeghdin jagixxu qisu l-mandat ta' inibizzjoni *de quo* ma jezistix?

2. Illi fil-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni *de quo* u fil-proceduri tar-rikors numru 657/04 din l-Onorabbli Qorti mxiet skond il-ligi u ghalhekk kemm it-tieni kif ukoll it-tielet talba attrici ghandhom jigu michuda.

3. Illi mhuwiex minnu illi din il-Qorti 'ma tatx il-piz misthoqq lil numru ta' punti li tressqu fir-rikors ghar-revoka tal-mandat u li kienu jirrigwardaw in-nuqqas ta' *locus*

*standi* ta' diversi mill-partijiet effettwati bil-mandat ta' inibizzjoni'.

4. Illi lanqas hu minnu li *r-restaurant de quo* huwa kopert bil-permessi necessarji ta' l-awtoritajiet kompetenti; dan kif jirrizulta mill-annessi dokumenti Dok X1 u X2.

5. Illi l-atturi naqsu milli jikkonfermaw ruhhom civilment cioe' billi jaraw li r-*restaurant* ma johloqx inkonvenjent lill-girien.

6. Illi l-atturi ma jistghux juzaw ix-xaft li hu komuni jekk mhux skond kif permess mill-artikolu 491 tal-Kodici Civili.

7. Illi bl-uzu tal-fond *de quo* bhala *restaurant* l-atturi qeghdin serjament jipprivaw lill-eccipjenti mit-tgawdija tal-propjeta' taghhom.

8. Illi rrizulta b'mod mill-aktar lampanti illi c-cilindri tal-gass li jinsabu fir-*restaurant* huma ta' perikolu serju ghall-hajja ta' l-eccipjenti.

9. Illi l-mandat ta' inibizzjoni *de quo* ghandu ghalhekk jibqa *in vigore* u d-digriet tal-5 ta' Ottubru 2004 m'ghandux jigi revokat *contrario imperio.*

10. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Rat id-digriet a fol. 185;

Rat il-verbal a fol. 207;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat li ma saru ebda noti;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**Talbiet**

Illi f'dina l-kawza ngabru provi fuq l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti.

Illi fl-att promutur l-atturi ipprezentaw tlett talbiet.

Illi dwar l-ewwel talba, l-atti mitluba, cjoe dawk rigwardanti l-mandat ta' inibizzjoni u t-talba ghar revoka tieghu, jinsabu kollha allegati mal-atti tal-process.

Fir-rigward tat-tielet talba fl-ewwel parti taghha, il-Qorti semghet il-provi kollha li l-atturi riedu jressqu.

Fit-tieni talba l-atturi qed jitolbu li dina l-Qorti tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tal-5 ta' Ottubru 2004 li permezz tieghu l-Qorti, diversament presjeduta, kienet cahdet it-talbiet taghhom kontenuti fir-rikors ghar-revoka tal-mandat ta' inibizzjoni 657/04TM.

Fit-tielet talba l-atturi qed jergu jitolbu li dina l-Qorti tordna r-revoka *contrario imperio* ta' l-istess mandat ta' inibizzjoni 1554/04.

**L-ewwel eccezzjoni**

Il-konvenuti eccepew preliminarjament fl-ewwel eccezzjoni li din il-Qorti m'ghandiex tiehu konjizzjoni ta' din il-kawza qabel ma' l-atturi jaghtuha l-garanziji kollha necessarji illi sakemm tigi deciza din il-kawza huma se jobdu l-ordni taghha tas-27 ta' Awissu 2004 meta laqghet it-talba taghhom ghall-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni li tieghu l-atturi qeghdin jitolbu r-revoka f'din il-kawza. S'issa l-atturi sfidaw lil din l-Onorabbli Qorti billi njoraw ghal kollox l-imsemmi mandat ta' inibizzjoni u ghalhekk huwa nkoncepibbli li l-atturi jirrikorru ghal rimedju quddiem din l-Onorabbli Qorti meta fuq l-istess haga qeghdin jiddisprezzawha bl-aktar mod sfaccat.

**Konsiderazzjonijiet**

Il-Qorti semghet il-provi u l-kawza thalliet ghall lum ghas-sentenza fuq din l-eccezzjoni tal-konvenuti.

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenuti kienu talbu l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni fejn talbu li l-atturi ma jutilizawx il-fond bhala *restaurant* qabel ma jigi assikurat (1) li mill-istess *restaurant* ma jigux iggenerati rwejjah tat-tisjir, hsejjes u shanat li joholqu nkonvenjent lill-konvenuti u (2) li fl-istess *restaurant* ma jinzammux cilindri tal-gass b'mod li dawn ikunu ta' perikolu ghall-istess residenti.

Illi fis-27 ta' Awissu 2004 il-Qorti kienet laqghet it-talba tal-konvenuti (allura rikorrenti) billi dak li kien qed jintalab kien fuq kollox impost u rekwizit essenzjali fuq kull min ghandu bar u/jew restaurant fl-abitat.

Fil-31 ta' Awissu 2004 l-atturi  ghamlu talba lill Qorti biex tirrevoka dana l-mandat u b'decizjoni tal -5 ta' Ottubru 2004 il-Qorti kienet cahdet  din it-talba ta' l-atturi (ara fol 36 et seq).

Illi l-atturi ma kienux qablu ma dina d-decizjoni u kienu ghamlu dina l-kawza fl-14 ta' Marzu 2005  fejn ghamlu t-talbiet fuq imsemmija.

Illi fil-kors ta' dina l-kawza l-konvenuti ressqu provi biex juru li wara li kien gie degretat il-mandat ta' inibizzjoni il-posizzjoni baqghet l-istess u ghalhekk l-atturi ma kienux obdew l-ordni tal-Qorti u *di piu* issa qed jitolbu r-revoka ta' l-istess mandat.

Illi l-atturi xehdu li nonostante li kien intlaqa' l-mandat  il-posizzjoni baqghet l-istess: l-irwejjah u riha ta' zejt mahruq baqa' hemm; ic-cilindri tal-gass baqghu fejn kienu b'perikolu ghan-nies u minhabba fihom ma jistghux jassikuraw l-appartamenti; l-hsejjes ma tnehhewx u l-muturi baqghu jahdmu bil-lejl ukoll. Is-shana baqghet tinhass u kienet qed taghmel il-hsara lill lift.  Kien hemm ukoll min xehed li wara li ntlaqa' l-mandat is-sitwazzjoni marret minn hazin ghal aghar (ara xhieda Alfred Fenech a fol 175).  Dawn ix-xhieda jghidu li fuq il-faccata twahhlu

*fans* u nfethet bokka mill-kcina biex johrog l-*exhaust* ta' l-ikel u l-*aircondition*.

Xehed il-Profs Agius, li kien gie nominat mill-Qorti fil-kawza Kriminali, dwar il-posizzjoni kif kienet meta hu ghamel l-accessi fit-2003, 2004 u 2005. Hu jghid li meta sar l-access fit-2004, cjoe wara li ha *over* Wayne Chetcuti, kien sar xi *improvement* izda r-riha xejn pjacevoli baqghet hemm; ic-cilindri tal-gas (industrijali) baqghu fejn kienu fit-2003. Sussegwentement il-Profs Agius rega xehed dwar l-access li hu kien ghamel fl-24 ta' Frar 2005. Hu jghid li l-kwistjoni tar-riha u hoss kienet kwazi solvuta, pero' kien fadal riha gejja mill-faccata ta' l-istabilment mentri l-hsejjes ta' l-*airconditioning* ma kienitx ghadha daqshekk qawwija. Il-kwistjoni tac-cilindri kienet tista tghid solvuta billi hu gieghel lill atturi jaghmlu *ventilation*, izda hu ma jistax jghid li hi 100% *safe* pero' kif inhi hi accettabili ghalkemm il-perikolu mhux eskluz ghall kollox. Hu jikkonkludi li l-problema mhiex solvuta totalment billi qatt ma tista' tkun hekk 100%. Riha se jibqa' jkun hemm li tvarja skond ic-cirkostanzi, u hoss ta' *aircondition* ghadu hemm pero' dan jista' jigi rrangjat.

Il-konvenuti jsostnu li llum il-problemi kollha li kien hemm gew *sorted out* kif qal l-espert tal-Qorti.

Illi dina l-kawza qeda issir minn Mamma Mia Company Limited; Stephen Bonavia; Angelo Pullicino; Sunbirds Company Limited u Noel Agius .

F'dina l-kawza l-atturi bazikament qed jitolbu r-revoka tal-mandat ta' inibizzjoni nurmu 1554/04 li nhareg kontra dawn il-persuni.

Illi jirrizulta mill-provi li llum Mamma Mia Company Limited; Stephen Bonavia; Angelo Pullicino m'ghandhomx interess fl-ezitu ta' dina l-kawza billi s-sid ta' *restaurant* huwa Noel Agius ghan nom ta' Sunbirds Company Limited u Wayne Chetcuti hu l-kerrej. Il-kumpanija Mamma Mia Company Limited ma jidhirx li kienet is-sid ta' dan ir-*restaurant* u Wayne Chetcuti mhux parti f'dina l-

kawza. Bonavia u Pullicino m'ghandhom x'jaqsmu aktar mar-*restaurant*.

Illi minn dawn il-provi jirrizulta li ghalkemm kien intlaqa' l-mandat ta' inibizzjoni kontra l-atturi u r-*restaurant* ma kellux jibqa' jopera jekk jibghqu jigu generati rwejjah tat-tisjir, hsejjes u shanat li joholqu nkonvenjent lill-konvenuti u li fl-istess *restaurant* ma jinzammux cilindri tal-gass b'mod li dawn ikunu ta' perikolu ghall-istess residenti, l-istess ir-*restaurant* baqa' jopera u baqa' ta' inkonvenjent ghall-konvenuti. Effettivament il-post baqa' jopera (mhux necessarjament billi kellu jinghalaq) u l-problemi li kien hemm ma waqqfux skond l-ordni tal-Qorti meta l-atturi pproponew dina l-kawza.

Illi ghalhekk fuq dan l-istat ta' fatt u fejn il-provi juru li mill-bidu nett meta giet prezentat dina c-citazzjoni l-atturi ma kienux qed joqghodu ghall-ordni tal-Qorti mhux permess li issa tigi promossa talba biex jigi revokat il-mandat ta' inibizzjoni meta hu fl-ebda stadju l-atturi ma qaghadu ghall ordni tal-Qorti. Huma ma jistghux jitlobu revoka ta' ordni tal-Qorti meta huma qatt ma obdewha kompletament. L-atturi l-ewwel kellhom jobdu l-ordni tal-Qorti imbaghad *se mai* jikkontestawha u jitolbu r-revoka taghha. B'analogia f''kazijiet ta' spoll, *spoliatus ante omnia restituendus*. L-istess fil-kawzi kriminali, l-ewwel wiehed jobdi l-ordni tal-pulizija, per ezempju, imbaghad jikkontestaha.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti
U tichad it-talbiet ta' l-atturi
Bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------